MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 12 ta' Lulju, 2002

Talba Numru. 1428/2002/1

**Avviz Numru 1428/02 AJD**

**UCIM Co. Limited**

**Vs**

**Maruska Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Gunju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf u erbatax il-lira Maltin (Lm1,014.00) rappresentanti import ta' tlettax il-kambjala, kollha ta' Lm78 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju 2001 sa Gunju 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 13).
Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2002 jammontaw ghal Lm44.00, oltrre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra uffucjali tal-21 ta' Frar 2002 kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha in kwantu jirrigwarda s-sorte ghal tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm858.00).

Sema' x-xhieda ta' Dr.Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm858.00) bl-imghaxijiet legali pagabbli mill-4 ta' Lulju 2002 sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**